MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1128/2014

**Joseph Pulis**

**vs**

**Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden, Carmel Pulis, u Carmen Pulis għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-attur Joseph Pulis fil-11 ta' Diċembru, 2015 fejn ippremetta u għamel is-segwenti talbiet:

1. *Illi l-kontendenti ħlief għal Carmen Pulis huma lkoll ulied il-mibkija Salvino Pulis u Maria Pulis.*

2. *Illi Salvino Pulis miet fit-8 ta' Jannar, 2009, filwaqt li Maria Pulis mietet fis-6 ta' Jannar, 2012.*

3. *Illi s-suċċessjoni ta' Salvino Pulis hija regolata minn testment pubbliku datat l-1 ta' April, 1998 riċevut min-Nutar Pubbliku Bartolomeo Micallef. Permezz ta' dan it-testment, l-imsemmi Salvino Pulis innomina bħala eredi universali tiegħu lill-kontendenti uliedu, ilkoll f'ishma ugwali bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari favur uliedhom fl-eventwalità ta' premorjenza, u bid-dritt ta' akkrexximent fin-nuqqas ta' ulied.*

4. *Illi s-suċċessjoni ta' Maria Pulis hija regolata minn testment pubbliku datat 28 ta' Ġunju, 2010 riċevut min-Nutar Alexandra Vella. Permezz ta' dan it-testment, it-testatriċi nnominat bħala eredi universali tagħha lill-kontendenti uliedha, ħlief għall-konvenut Carmelo Pulis, li lilu ġie riservat biss id-dritt għas-sehem riservat.*

5. *Illi b'konsegwenza tas-suċċessjonijiet hawn fuq imsemmija, il-kontendenti saru komproprjetarji ta' diversi beni, fosthom immobbli, u dan mhux fi kwoti ugwali bejniethom.*

6. *Illi fost dawn il-beni immobbli, hemm inkluż il-fond magħruf bin-numru 185 u bl-isem "Salvatore Mundi", fi Triq Bajada, Żabbar inkluża miegħu kamra magħrufa bħala "tal-kelb" u l-passaġġ li kien jagħti għall-maqjel formanti parti mill-istess fond, kif ukoll fond ieħor fabrikabbli li jinsab fi Triq Bajjada kantuniera ma' Triq Villabate, f'Ħaż-Żabbar. Il-mobbli li jinsabu fl-imsemmija fondi wkoll jiffurmaw parti mill-ereditajiet ta' Salvino u Maria Pulis.*

7. *Illi l-konvenuti, jew min minnhom, qegħdin abbużivament jinqdew minn dawn iż-żewġ proprjetajiet b'mod li bih mhux iħallu lill-attur jinqeda bihom ukoll skont il-jeddijiet tiegħu, u dan senjatament billi ħadu l-pussess ta' dawk l-immobbli u qed iċaħħdu lill-attur mid-dritt tiegħu ta' pussess tal-istess immobbli.*

8. *Illi barra minn hekk, il-konvenuti, jew min minnhom, abbużivament approprjaw għalihom innifishom parti mill-beni tal-ereditajiet surriferiti, u ċjoè l-ażjenda u l-avvjament ġjà operati mit-testaturi Salvino u Maria konjuġi Pulis mill-fond 187, fi Triq Bajada, Żabbar, b'mod li qegħdin*

*jappropriјaw għalihom il-frottijiet kollha ta' din l-ażjenda meta din hija komuni għall-kontendenti.*

9. *Illi minkejja li l-konvenuti kollha ġew interpellati mill-attur sabiex jirrimedjaw għall-aġir tagħhom, huma baqgħu ilkoll inadempjenti.*

10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

11. *Illi l-attur Joseph Pulis qed jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.*

*Għaldaqstant l-attur qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull provvediment u dikjarazzjoni opportuna, jogħġobha:*

(1) *tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, qed jiksru u jilledu d-drittijiet tal-attur meta qed iċaħħduh milli jkollu pussess u aċċess liberu tal-fond magħruf bin-numru 185 u bl-isem "Salvatore Mundi", fi Triq Bajada, Żabbar, kif ukoll tal-fond ieħor fabrikabbli li jinsab fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Villabate, f'Żabbar, kif ukoll għal beni mobbli kollha li jinsabu fl-istess immobbli;*

(2) *tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, jagħtu lill-attur pussess tal-fond magħruf bin-numru 185 u bl-isem "Salvatore Mundi", fi Triq Bajada, Żabbar inkluża miegħu kamra magħrufa bħala "tal-kelb" u l-passaġġ li jagħti għal maqjel formanti parti mill-istess fond, kif ukoll tal-fond ieħor fabrikabbli li jinsab fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Villabate, f'Żabbar;*

(3) *tiddeċiedi u tiddikjara illi l-attività kummerċjali ġestita mill-fond bin-numru 187, fi Triq Bajada, Żabbar tappartjeni lill-ereditajiet ta' Salvino Pulis u ta' Maria Pulis u għalhekk illum lill-kontendenti (salv għal Carmen Pulis) fil-kwoti rispettivi tagħhom;*

(4) *tiddeċiedi u tiddikjara illi l-attur għandu jingħata mill-konvenuti jew min minnhom aċċess liberu għall-attività kummerċjali msemmija, u għall-beni kollha komponenti l-istess attività kummerċjali;*

(5) *tiddeċiedi u tiddikjara illi kull frott u qliegħ ċivili u industrijali ġenerat mill-attività kummerċjali gestita mill-fond 187, fi Triq Bajada, Żabbar, ukoll jappartjeni lill-ereditajiet ta' Salvino Pulis u Maria*

*Pulis u għalhekk illum lill-kontendenti (salv għal Carmen Pulis) fil-kwoti rispettivi tagħhom, u dan b'effett mid-data tas-6 ta' Jannar, 2012;*

*(6) tillikwida l-kwota spettanti lill-attur mill-frott u l-qligħ ġenerat mill-imsemmija attività kummerċjali u dan b'effett mid-data tas-6 ta' Jannar, 2012;*

*(7) tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lill-attur il-kwota spettanti lilu kif likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 2096/2014, kontra l-konvenuti li huma lkoll issa nġunti in subizzjoni.*

*Kull dritt t'azzjoni ieħor, inkluż dak għar-rizarċiment tad-danni, spettanti lill-attur kontra l-konvenuti huwa minn issa riservat.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Carmen Pulis** għal kull interess li jista' jkollha li ġiet ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 2015, fejn eċċepew is-segwenti:

1. *Illi mhuwiex kontestat illi l-kontendenti kollha ħlief għal Carmen Pulis huma lkoll ulied il-mibkija Salvatore Pulis u Maria xebba Mifsud, u li Salvatore Pulis kien għadda għal ħajja oħra nhar it-8 ta' Jannar, 2009, filwaqt li Maria Pulis kienet għaddiet għal ħajja oħra nhar is-6 ta' Jannar, 2012;*
2. *Illi mhuwiex ikkontestat lanqas illi s-suċċessjoni ta' Salvatore Pulis hija regolata minn testment pubbliku datat 1 t'April, 1998 riċevut min-nutar Dr. Bartolomeo Micallef, fejn id-decujus istitwixxa lit-tmien uliedu bħala eredi universali tiegħu, ilkoll f'ishma ndaqs bejniethom, filwaqt li s-suċċessjoni ta' Maria Pulis hija regolata minn testment pubbliku datat 28 ta' Ġunju tas-sena 2010 riċevut min-nutar Alexandra Vella, u permezz ta' liema, id-defunta Maria Pulis istitwiet bħala eredi universali tagħha lil uliedha ħlief għall-konvenut Charles Pulis indikat fir-rikors promotur bħala Carmelo Pulis;*

3. *Illi mhuwiex kontestat lanqas illi bħala konsegwenza tas-suċċessjonijiet hawn fuq imsemmija, il-kontendenti saru komproprjetarji ta' diversi beni fosthom immobbli u dan mhux fi kwoti indaqs bejniethom;*

4. *Illi però huma kkontestati l-allegazzjonijiet indikati f'paragrafu 6 et seq tar-rikors promotur, u dan stante s-segwenti:*

   a. *Illi wara l-mewt ta' Salvatore Pulis, l-armla tiegħu, u omm il-kontendenti, Maria Pulis, ħasbet biex tibda taqsam il-proprjetajiet bejn uliedha f'ħajjitha, kemm dawk parafernali tagħha, kif ukoll dawk akkwistati matul iż-żwieġ tagħha ma' Salvatore Pulis;*

   b. *Illi fil-fatt, Maria Pulis kienet staqsiet lil uliedha liema proprjetajiet kienu riedu qabel għamlet donazzjonijiet. Fil-fatt Louis Pulis kien għażel il-ħanut enumerat 187, fi Triq Bajada, Żabbar, George Pulis kien għażel il-ħanut enumerat 189 u 191 fi Triq Bajada, Żabbar, Raymond Pulis kien għażel il-fond 135, (recte) Dawret ix-Xatt, Xgħajra, filwaqt li Joseph Pulis kien għażel il-garaxx fi Triq Bajada, Żabbar;*

   c. *Illi l-erba' aħwa l-oħra, Charles Pulis indikat bħala Carmelo fir-rikors promotur, Maria Dolores, indikata bħala Dolores Galea fir-rikors promotur, Anna Bianco u Antonia Sladden ma kellhom ebda għażla partikolari, u għalhekk, l-art li kienet messet lilhom ittellgħet bil-polza;*

   d. *Illi għal dawn it-tmien proprjetajiet kienu saru l-kuntratti relattivi;*

   e. *Illi permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena datat 13 ta' Lulju, 2009, Maria Pulis kienet tat b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli n-nofs indiviż tagħha ta':*

      *187, Triq Bajada, Żabbar lil binha Louis Pulis;*

      *189 u 191, Triq Bajada, Żabbar lil binha George Pulis;*

      *135, Dawret ix-Xatt, ix-Xgħajra lil binha Raymond Pulis;*

      *Filwaqt illi l-ulied l-oħra ta' Maria Pulis, inkluż Joseph Pulis taw is-sehem tagħhom ukoll b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lil*

*ħuthom u liema sehem kien provenjenti mill-wirt ta' missierhom Salvatore Pulis;*

f. *Illi fil-kuntratt su ċitat, kien ġie pattwit bejn il-kontraenti, illi kwalunkwe bieb u/jew tieqa u/jew rewwieħa u/jew apertura oħra li tista' teżisti u li tagħti għal fuq il-fond 185, bl-isem ta' Salvatore Mundi, fi Triq Bajada, Żabbar, kif ukoll għall-plot illi hemm fuq wara tal-istess garaxx liema plot hija magħrufa bħala il-Ħofra, għandhom jingħalqu meta Louis Pulis ma jibqax fil-pussess tal-fond assenjat lilu jew ikun ser ibigħ l-istess prorpjetà jew jikriha jew inkella jkun ser jinbiegħ jew jinkera l-fond 185, Salvatore Mundi fi Triq Bajada, Żabbar, u dan fi żmien xahar, minn meta jiġi mgħarraf b'ittra uffiċjali biex jagħmel dan;*

g. *Illi mal-istess kuntratt, kien sar ftehim verbali bejn l-aħwa kollha, aċċettanti, fuq inizjattiva ta' Joseph Pulis, illi Louis Pulis, ikun jista' juża l-fond numru 185, Salvatore Mundi fi Triq Bajada, Żabbar, illi jinsab adjaċjenti mal-proprjetà assenjata lilu, u fil-fatt tinfed magħha, sabiex ikun jista' jistrieħ, u dana stante illi jbati minn mard kroniku tal-qalb, tad-dijabete u tal-kliewi;*

h. *Illi fil-kuntratt su ċitat kien ġie patwit bejn il-kontraenti, illi kwalunkwe bieb u/jew tieqa u/jew rewwieħa u/jew apertura oħra li tista' teżisti fil-fond assenjat lilu u li tagħti għall-plot magħrufa bħala il-Ħofra għandhom jingħalqu meta George Pulis ma jibqax fil-pussess tal-fond assenjat lilu jew ikun ser ibiegħ l-istess proprjetà jew jikriha jew inkella tkun ser tinbiegħ il-plot magħrufa bħala l-Ħofra, u dan fi żmien xahar minn meta jiġi mgħarraf sabiex jagħmel dan permezz ta' ittra uffiċjali;*

i. *Illi fil-kuntratt su ċitat tat-13 ta' Lulju, 2013, Maria Pulis kienet irrinunzjat għal kull dritt ta' użufrutt fuq il-proprjetà kollha trasferita permezz tal-imsemmi att, inkluż ta' 187, Triq Bajada, Żabbar;*

5. *Illi għalhekk, mhi vera xejn l-allegazzjoni illi l-konvenuti jew min minnhom, abbużivament approprijaw għalihom infushom l-ażjenda u l-avvjament ġjà operati mit-testaturi Salvatore u Maria konjuġi Pulis,*

*u li qed jappropijaw għalihom il-frottijiet kollha ta' din l-ażjenda meta din hija komuni għall-kontendenti;*

6. *Illi fil-fatt, u mingħajr preġudizzju għal dak kollu ġjà espost, il-permess tal-ħanut ġestit mill-187, Triq Bajada, Żabbar, bl-isem ta' Brumi Store, ilu jgħajjat lil MaryGrace Pulis, mart il-konvenut George Pulis sa mis-sena 1988;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu ġjà espost, u b'referenza għal mobbli sitwati fil-fond numru 185, Salvatore Mundi, Triq Bajada, Żabbar, jiġi rilevat illi kemm-il darba kienu saru offerti lil Joseph Pulis u Charles Pulis sabiex jersqu għas-sehem tagħhom però dawn baqgħu inadempjenti;*

8. *Illi rigward iċ-ċavetta tal-fond, jiġi rilevat ukoll illi l-attur jaf ben tajjeb illi l-bieb ta' barra tal-fond Salvatore Mundi fi Triq Bajada, Żabbar ilu li ġarrab ħsarat tant illi ma jinfetaħx minn barra u huwa ssiġillat permezz ta' stanga fuq in-naħa ta' ġewwa, u fil-fatt, sa minn meta kienet għadha ħajja omm il-kontendenti, hija stess ma kinitx taf tuża l-bieb ta' barra tad-dar, imma kienet taċċedi mill-fond assenjat lil George Pulis, stante illi dan hu minfud mal-ħanut 187, Triq Bajada, Żabbar, u l-ħanut bin-numru 187 huwa minfud mad-dar;*

9. *Illi jiġi rilevat għal kull bon fini, illi l-fond 185, Salvatore Mundi, Triq Bajada, Żabbar, huwa adjaċenti għal u jinfed ma' 187, Brumi Garage, Triq Bajada, Żabbar, filwaqt illi 189 u 191, Triq Bajada, Żabbar assenjat lil George Pulis huwa adjaċenti għal u jinfed ma' Brumi Garage, Triq Bajada Żabbar, filwaqt li l-plot magħrufa bħala l-Ħofra hija adjaċenti għall-fond 189 u 191, Triq Bajada, Żabbar, u tinsab kantuniera ma' Triq Villabate, Żabbar;*

10. *Illi jiġi rilevat ukoll, mingħajr preġudizzju għal dak espost, illi Joseph Pulis mill-mewt ta' ommu Maria sal-lum qatt ma ħallas ebda sehem għal kontijiet ta' dawl u ilma, u jew kera tal-meters tagħhom, lanqas ħallas ebda sehem għal tiġdid ta' permessi għall-plot magħrufa bħal l-Ħofra, u lanqas qatt ma ħallas ebda sehem għall-manutenzjoni tal-fond 185, Salvatore Mundi, Triq Bajada, Żabbar;*

11. *Illi jiġi eċċepit ukoll illi qabel mietet Maria Pulis, Joseph Pulis kemm-il darba ddikjara ma' terzi u ma' wħud mill-konvenuti illi, ġaladarba tiġi nieqsa ommu ried iqajjem gwerra bejn l-aħwa;*

12. *Illi dan kollu ser jiġi provat fil-mori tal-kawża;*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittri uffiċjali mibgħuta lilu, u b'kull dritt ta' azzjoni ieħor spettanti lill-konvenuti kontra l-attur minn issa riservat.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Carmelo Pulis** ippreżentata fil-11 ta' Frar, 2015 fejn eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi mhuwiex ikkontestat illi l-kontendenti kollha barra Carmen Pulis huma aħwa wlied il-mibkija Salvatore Pulis u Maria Pulis xebba Mifsud, u li Salvatore Pulis kien miet fit-8 ta' Jannar, 2009, waqt li Maria Pulis mietet fis-6 ta' Jannar, 2012;*

2. *Illi mhuwiex ikkontestat illi s-suċċessjoni ta' Salvatore Pulis hija regolata minn testment pubbliku riċevut min-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef fl-1 ta' April, 1998, fejn Salvatore Pulis istitwixxa lit-tmien uliedu bħala eredi universali tiegħu f'ishma ndaqs bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni vulgari favur uliedhom f'eventwalità ta' premorjenza u bid-dritt tal-akkrexximent fin-nuqqas ta' wlied;*

3. *Illi mhuwiex ikkontestat illi s-suċċessjoni ta' Maria Pulis hija regolata minn testment pubbliku riċevut min-Nutar Dottor Alexandra Vella fit-28 ta' Ġunju, 2010 fejn hija istitwiet lil uliedha kollha bħala eredi universali tagħha ħlief għall-konvenut Carmelo Pulis magħruf bħala Charles Pulis li lilu ġie biss riservat id-dritt għas-sehem riservat;*

4. *Illi mhuwiex ikkontestat illi bħala konsegwenza tas-suċċessjonijiet hawn fuq imsemmija, il-kontendenti kollha saru komproprjetarji ta' diversi beni, fosthom immobbli mhux fi kwoti ndaqs bejniethom;*

5. *Illi mhuwiex ikkontestat illi fost il-beni immobbli, kien hemm inkluż il-fond magħruf bin-numru 185 u bl-isem "Salvatore Mundi", fi Triq*

*Bajada, Ħaż-Żabbar, inkluża miegħu kamra magħrufa bħala "tal-kelb" u l-passaġġ li kien jagħti għall-maqjel formanti parti mill-istess fond, kif ukoll fond ieħor fabrikabbli li jinsab fi Triq Bajada kantuniera ma Triq Villabate, Ħaż-Żabbar. Fil-fatt, barra din il-proprjetà, hemm ukoll proprjetà immobbli oħra li ma kinitx tniżżlet fid-dikjarazzjoni "causa mortis" meta kienet mietet Maria Pulis, flus, kif ukoll barbazzal li ma kienx inġib lura biex jiġi stmat mad-deheb l-ieħor;*

6. *Illi b'referenza għall-paragrafu numru sebgħa (7) tar-rikors promotur, Carmelo Pulis jiċħad li huwa għandu xi aċċess għall-proprjetà imsemmija fil-paragrafu numru sitta (6) tal-istess rikors tant li huwa stess permezz tal-avukat tiegħu kien kiteb diversi drabi lill-intimati l-oħra biex huwa jingħata l-istess aċċess u anki sehmu mill-wirt tal-ġenituri tagħhom imma għadu sal-lum jistenna għaliex għadu ma ngħata xejn minħabba l-kwistjonijiet li hemm bejniethom kif lanqas ma kien ingħata riċevuta tal-funeral u għad għandu jieħu wkoll sehemu minn ċnus u qbiela;*

7. *Illi b'referenza wkoll għall-paragrafu 7 tar-rikors promotur, il-konvenut Carmelo Pulis jiċħad illi huwa għandu xi aċċess għal din il-proprjetà, tant li meta kien ġie infurmat li skont il-konvenuti l-oħra l-attur kien qiegħed joħloq xi diffikultajiet, huwa kitiblu permezz tal-avukat tiegħu biex huwa jottempera ruħu mat-talba tal-konvenuti l-oħra għaliex skont huma kien l-attur li qiegħed iżomm l-affarijiet milli jiġu solvuti;*

8. *Illi b'referenza għall-paragrafu tmienja (8) tar-rikors promotur, Carmelo Pulis jiċħad illi huwa abbużivament approprja għalih innifsu parti mill-beni msemmija, jiġifieri l-fond, l-ażjenda, l-avvjament u l-frottijiet tal-ażjenda tal-fond imsemmi fl-istess paragrafu għaliex huwa la għandu aċċess għall-fond imsemmi, la qatt ma ngħata ebda aċċess, la qatt ma ngħata rendikont tal-ġestjoni tal-imsemmija ażjenda u l-anqas tal-"istock" li kien hemm meta mietu l-ġenituri tagħhom u li għalhekk jaqbel mal-attur li jifforma parti mill-massa ereditarja;*

9. *Illi dwar il-paragrafu disa' (9) tar-rikors promotur, Carmelo Pulis ma jistax jirrimedja għaliex huwa stess bħall-attur qiegħed jiġi mċaħħad mid-drittijiet tiegħu mill-konvenuti l-oħra jew min minnhom u għandu kull interess li l-pendenzi kollha jiġu solvuti ħalli huwa jkun jista' jieħu sehemu. Fil-fatt, l-attur jaf ukoll illi kien hemm tentattiv (recte) biex Carmelo Pulis lanqas jieħu sehemu mill-ħlas għat-tabelli, tant li meta l-attur fil-25 ta' Jannar kien irċieva cheque tal-Bank of Valletta datat 31 ta' Jannar, 2013 f'isem Carmelo Pulis u kien iffirma riċevuta għalih (Dok. "CP13"), fid-29 ta' Jannar, 2013 kellu jirritornah fuq talba tal-persuna li kien ħareġ l-istess cheque (Dok "CP14), u li dakinhar stess jiġifieri 29 ta' Jannar, 2013 l-avukat ta' Carmelo Pulis kien kiteb lil din il-persuna li ħut Carmelo Pulis ma kellhom ebda dritt jgħidulu biex ma jħallasx lil Carmelo Pulis (Dok. "CP15).*

10. *Illi dan kollu se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.*

*Bl-ispejjeż kollha u b'kull dritt ta' azzjoni ieħor minn issa riservat.*

Rat il-kontrotalba ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 2015, mill-konvenuti rikonvenzjonanti **Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Carmen Pulis għal kull interess li jista' jkollha** għat-talbiet tal-attur rikonvenzjonat fejn esponew is-segwenti:

1. *Illi Salvatore Pulis kellu beni parafernali provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tiegħu, filwaqt illi Maria xebba Mifsud kellha proprjetà parafernali illi kienet iddevolviet fuqha mill-wirt tal-ġenituri tagħha. Illi l-mibkja Maria u Salvatore Pulis kellhom ukoll proprjetà akkwistata matul iż-żwieġ tagħhom;*

2. *Illi l-kontendenti huma kollha konsapevoli ta' x'inhuma l-proprjetajiet kollha formanti l-massa ereditarja provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, u fil-fatt elenkawhom fil-'causa mortis' wara l-mewt kemm ta' missierhom, kif ukoll ta' ommhom;*

3. *Illi apparti hekk, Salvatore Pulis kien jippossjedi b'titolu ta' qbiela l-għalqa magħrufa bħala ta' Xorxa, sive ta' Ciantar, f'Ħaż-Żabbar, u fil-fatt, minkejja l-mewt tiegħu, il-ktieb tal-kera għadu jgħajjat lil*

*Salvatore Pulis. Joseph Pulis abbużivament approprija ruħu minn din l-għalqa, b'mod li qiegħed jaħdimha waħdu ad esklużjoni ta' ħutu l-oħra;*

4. *Illi Maria Pulis kellha oġġetti tad-deheb fil-mument tal-mewt tagħha, liema deheb ġie debitament stmat u jinsab kwantu għal parti minnu għand Joseph Pulis u kwantu għal parti minnu għand Maria Dolores sive Doris Galea. Minkejja illi Joseph Pulis ġie msejjaħ diversi drabi sabiex jinqasam dan id-deheb huwa baqa' inadempjenti;*

5. *Illi Salvatore u Maria Pulis kienu proprjetarji ta' garaxx numru 7 f'183, Triq il-Knisja, ix-Xgħajra, liema garaxx kien mikru lil Jason Grech fl-ammont ta' Euro 21.30 fis-sena. Illi wara l-mewt ta' ommu Maria Pulis, Joseph Pulis ma riedx aktar iġedded il-kera tal-garaxx hawn imsemmi b'konsegwenza illi l-esponenti aħwa Pulis qed isofru danni konsistenti f'lucrum cessans;*

6. *Illi mal-ħajt tal-appoġġ li jifred il-fond 189 u 191 assenjat lil George Pulis permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ruben Casingena tat-13 ta' Lulju, 2009, u ċjoè fil-plot magħrufa bħala l-Ħofra, fi Triq Bajada, kantuniera ma' Triq Villabate, Żabbar, li kienet proprjetà parafernali ta' Maria Pulis, u llum iddevolviet fuq il-werrieta tagħha, kien hemm imwaħħla tliet tabelli illi jinkrew lil terzi. Joseph Pulis irrifjuta illi jġedded il-kera ta' tabella minnhom b'detriment għall-werrieta l-oħra fl-ammont ta' elf tliet mija u tmienja u disgħin Euro ġià Lm600 kull sena;*

7. *Illi wara l-mewt ta' Salvatore Pulis, Joseph Pulis kien ingħata prokura speċjali minn ommu Maria. Illi fil-fatt, wara l-mewt ta' żewġha, Maria Pulis kienet iddaħħlet l-isptar Mater Dei, u minn hemm (recte) kienet iddeċidiet li ma tridx tibqa' tgħix waħedha. Għaldaqstant kien ġie mifthiem illi jżommuha uliedha l-bniet Maria Dolores sive Doris Galea, Anna Bianco u Antonia Sladden tlett xhur kull wieħed. Maria Pulis kienet tgħix mir-renti ta' kirjiet u ċnus, filwaqt illi l-pensjoni kienet tidħlilha direttament il-bank. Joseph Pulis kien żamm lil ommu fid-dar tiegħu għal perijodu wieħed biss, u minn għandu kienet ammessa b'urġenza fl-isptar Mater Dei, fejn kienet mietet ftit tal-ħin wara. Joseph Pulis kellu reġistru ta' infiq li kien isir*

*minn ħutu l-bniet għal ommhom matul il-perijodu li hija tkun rikoverata għandhom, u kien iħallashom ta' spejjeż żburżati minnhom u kull meta kienu jiġu kumpensati kienu jiffirmaw fir-reġistru. Minkejja li ġie interpellat diversi drabi wara l-mewt ta' Maria Pulis biex jagħti kopja ta' dan ir-reġistru lill-esponenti, l-intimat Joseph Pulis baqa' inadempjenti;*

8. *Illi matul il-perijodu li Joseph Pulis kellu l-prokura bankarja ta' ommu, huwa approprija ruħu minn ammont sostanzjali ta' flus, u dan b'detriment tal-esponenti;*

9. *Illi qabel il-mewt ta' Maria Pulis kien sar konvenju għal bejgħ ta' art fix-Xgħajra bejn Maria Pulis kwantu għan-nofs indiviż tagħha u bejn il-kontendenti kwantu għan-nofs indiviż illi kien iddevolva fuqhom wara l-mewt ta' missierhom Salvatore, u Glenn Mercieca. Wara l-mewt ta' Maria Pulis, Joseph Pulis kien irrifjuta illi jġedded il-konvenju, b'konsegwenza illi dan il-konvenju waqa' u l-eredi l-oħra ma ħadux id-dħul dovut lilhom;*

10. *Illi kemm Salvatore Pulis, kif ukoll martu Maria Pulis kellhom biża' minn Joseph Pulis, u mhux l-ewwel darba li tkellmu ma' wliedhom dwar din il-biża';*

11. *Illi d-defunta Maria Pulis kellha kontijiet bankarji ma' diversi banek lokali. Illi sal-lum, il-flejjes kontenuti f'dawn il-kontijiet bankarji għadhom ma ġewx distribwiti lill-eredi u dan stante oppożizzjoni u reżistenza da parti ta' Joseph Pulis;*

12. *Illi minkejja illi l-attur rikonvenzjonat ġie interpellat mill-konvenuti rikonvenzjonanti sabiex jirrimedja l-aġir tiegħu, huwa baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull provvediment u dikjarazzjoni opportuna, jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-qbiela fuq l-art ta' Xorxa, sive ta' Ciantar, fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar, illi kien jaħdem missierhom Salvatore, hija tal-eredi kollha u għalhekk, l-attur rikonvenzjonat qiegħed jilledi d-drittijiet tagħhom meta qiegħed iċaħħadhom milli jkollhom pussess u aċċess liberu għal din l-għalqa;*

2. *Tordna lill-attur rikonvenzjonat sabiex fi żmien qasir u perentorju minnha prefiss jagħti lill-*konvenuti l-pussess tal-għalqa ta' Xorxa, fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar;

3. *Tordna illi d-deheb li ddevolva fuq l-eredi mill-wirt tal-ġenituri tagħhom jinqasam skont id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Salvatore u Maria konjuġi Pulis (recte), u f'każ illi dan ma jkunx fiżikament possibbli, tordna l-bejgħ tiegħu b'dan illi r-rikavat tiegħu jinqasam skont id-dispożizzjonijiet tat-*testmenti tad-defunti Salvatore u Maria konjuġi Pulis;

4. *Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat qiegħed itellef flus u kwindi kkawża danni lill-*koeredi billi qiegħed jirrifjuta li jikri l-garaxx internament immarkat bin-*numru 7 f'183, Triq il-*Knisja, ix-*Xgħajra;*

5. Tawtorizza lill-*eredi sabiex ikunu jistgħu jikru l-*garaxx internament immarkat bin-*numru 7 f'183, Triq il-*Knisja, ix-*Xgħajra, b'dan illi s-sehem tiegħu jiġi* depositat il-Qorti;

6. Tillikwida d-danni kollha dovuti mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuti mis-17 ta' Jannar, 2014 ġiet xolta l-kera tal-garaxx, sad-data tas-sentenza, u tordna illi l-attur rikonvenzjonat iħallas lill-konvenuti l-ammont hekk likwidat;

7. *Tiddikjara illi l-attur rikonvenzjonat qiegħed itellef flus u kwindi jikkaġuna danni lill-koeredi billi qiegħed jirrifjuta li jikri tabella li tinsab mal-ħajt tal-appoġġ tal-plot magħrufa bħala l-Ħofra fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Villabate, Żabbar;*

8. Tawtorizza lill-*eredi sabiex ikunu jistgħu jikru t-*tabella li tinsab mal-*ħajt tal-appoġġ tal-plot magħrufa bħala l-Ħofra fi Triq Bajada, kantuniera ma' Triq Villabate, Żabbar, b'dan illi s-sehem tiegħu mill-kirja jiġi* depositat il-Qorti;

9. *Tillikwida d-danni kollha dovuti mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuti minn Jannar 2014, sad-data tas-sentenza, u tordna lill-attur rikonvenzjonat iħallas lill-*konvenuti l-ammont hekk likwidat;

10. *Tiddikjara illi Joseph Pulis approprija ruħu minn flejjes li kienu jappartjenu lil ommu b'abbuż tal-pożizzjoni li kien ġie ammess fiha, u tordna illi jirrifondi l-flejjes minnu approprijati;*

11. *Tiddikjara illi l-konvenju ma' Glenn Mercieca ma seħħx unikament minħabba reżistenza ta' Joseph Pulis, u tillikwida danni subiti mill-eredi;*

12. *Tordna lil Joseph Pulis iħallas id-danni hekk likwidati minħabba li l-konvenju ma' Glenn Mercieca fuq art fix-Xgħajra ma seħħx unikament minħabba rifjut da parti tiegħu;*

13. *Tordna li l-flejjes f'kontijiet bankarji f'banek lokali f'isem il-mejta Maria Pulis jinqasmu bejn l-eredi fil-kwoti spettanti lilhom skont id-dispożizzjonijiet tat-testmenti pubbliċi datati: ta' Salvatore Pulis, l-1 ta' April, 1998 riċevut min-Nutar Dr. Bartolomeo Micallef, fejn id-decujus istitwixxa lit-tmien uliedu bħala eredi universali tiegħu, ilkoll f'ishma ndaqs bejniethom; u dak ta' Maria Pulis datat 28 ta' Ġunju, 2010 riċevut min-Nutar Dr. Alexandra Vella, u permezz ta' liema, id-defunta Maria Pulis istitwiet bħala eredi universali tagħha lil uliedha ħlief għall-konvenut Charles Pulis indikat.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-attur rikonvenzjonat, minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ppreżentata fit-23 ta' Jannar, 2015 mill-attur rikonvenzjonat **Joseph Pulis** għall-Kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti **Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Carmen Pulis għal kull interess li jista' jkollha** fejn eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi preliminarjament in-nullità tar-rikonvenzjoni stante li m'hemmx il-konnessjoni meħtieġa mill-Artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mal-azzjoni prinċipali promossa mill-esponenti.*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-ġudizzju tar-rikonvenzjoni mhux integru stante li kwalsiasi ġudizzju li*

*jista' talvolta jingħata dwar tali rikonvenzjoni ma jistax jingħata fil-konfront tal-konvenut Carmelo Pulis, u għalhekk l-istess rikonvenzjoni hija nulla.*

3. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti rationae materiae milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba rikonvenzjonanti, u dan a tenur tal-Artikolu 1528 tal-Kodiċi Ċivili.*

4. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, qed tiġi eċċepita l-inammissibbiltà tat-tielet u tat-tlettax-il talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, stante li dawn jimmiraw għal divizjoni parzjali li m'hijiex konsentita.*

5. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-għaxar talba rikonvenzjonali hija rritwali, stante li ma ġietx preċeduta b'talba biex l-eċċipjenti jipprovdi rendikont tal-mandat tiegħu, liema talba hija indispensabbli f'azzjoni istitwita kontra mandatarju.*

6. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tielet u t-tlettax-il talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma irritwali, stante li mhumiex preċeduti bit-talbiet neċessarji sabiex jiġi qabelxejn stabbilit il-konsistenza u l-valur tal-oġġetti li dwarhom qed jintalab il-qsim, u lanqas mhuma preċeduti bit-talbiet neċessarji sabiex jiġu stabbiliti l-kwoti rispettivi tal-kontendenti skont il-massa ereditarja rispettiva taż-żewġ testaturi.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, u sussidjarjament għall-eċċezzjoni preċedenti, kwalsiasi diviżjoni ta' oġġetti tad-deheb provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti għandha tkun preċeduta mir-reintegrazzjoni fil-massa ereditarja ta' dawk l-oġġetti tad-deheb approprjati indebitament mill-konvenuti jew min minnhom.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kull talba għad-danni dedotta mill-konvenuti rikonvenzjonanti hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti ma kkawża ebda danni lill-konvenuti rikonvenzjonanti, u l-prova kuntrarja tinkombi fuqhom;*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-pretensjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti li ma sarx konvenju ma' Glenn Mercieca bi ħtija tal-eċċipjenti hija fattwalment żbaljata, stante li l-konvenju fil-fatt kien hemm.*

11. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalsiasi telf ta' qligħ li seta' seħħ b'rabta mal-beni provenjenti mill-wirt ta' Salvu Pulis u Maria Pulis seħħ unikament bi ħtija tal-konvenuti jew min minnhom.*

12. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, mhux minnu li l-eċċipjenti approprja għalih innifsu flus appartenenti lil ommu b'abbuż tal-pożizzjoni tiegħu, u l-prova kuntrarja tinkombi fuq il-konvenuti rikonvenzjonanti.*

13. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti dejjem qeda u adempixxa l-obbligi tiegħu bħala mandatarju versu ommu bid-diliġenza meħtieġa skont il-liġi, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

14. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti biex jiġu awtorizzati jikru beni komuni mingħajr il-kunsens tal-eċċipjenti huma mingħajr ebda bażi legali u fattwali.*

15. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, id-dritt ta' qbiela fuq l-art ta' Xorxa hu vestit unikament fl-eċċipjenti, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

16. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, u riferibbilment għat-talba numru tlettax, ma hemm l-ebda flus provenjenti mill-wirt ta' Salvino Pulis x'jinqasmu, stante li dawn inqasmu diġà snin ilu bejn il-kontendenti.*

17. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet kollha tal-konvenuti rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u kwindi għandhom jiġu respinti.*

Rat il-Kontrotalba tal-konvenut **Carmelo Pulis** ippreżentata fil-11 ta' Frar, 2015 fejn *inter alia* ippremetta u għamel is-segwenti talbiet:

1. *Illi bħala konsegwenza tas-suċċessjonijiet imemmija il-kontendenti saru komproprjetarji ta' diversi beni, fosthom immobbli mhux fi kwoti indaqs bejniethom;*

2. *Illi fost il-beni immobbli, kien hemm inkluż il-fond magħruf bħala "Salvatore Mundi", fi Triq Bajada, Ħaż-Żabbar, inkluża miegħu kamra magħrufa bħala "tal-kelb" u l-passaġġ li kien jagħti għall-maqjel formanti parti mill-istess fond ieħor fabrikabbli li jinsab fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Villabate, Ħaż-Żabbar, kif ukoll proprjetà immobbli oħra li ma kinitx tniżżlet fid-dikjarazzjoni "causa mortis" meta kienet mietet Maria Pulis, flus, kif ukoll barbazzal tad-deheb li ma kienx inġieb lura biex jiġi stmat mad-deheb l-ieħor;*

3. *Illi meta l-attur kien infurmat li skont il-konvenuti l-oħra huwa kien qiegħed joħloq xi diffikultajiet biex l-affarijiet jiġu solvuti, Carmelo Pulis kitiblu permezz tal-avukat tiegħu biex huwa jottempora ruħu mat-talba tal-konvenuti l-oħra;*

4. *Illi minkejja li l-attur rikonvenzjonat kien interpellat mill-konvenuti rikonvenzjonanti biex jirrimedja l-aġir tiegħu huwa baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, Carmelo Pulis qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull provvediment u dikjarazzjoni opportuna, jogħġobha:-*

(1) *Tiddeċiedi u tiddikjara illi fil-wirt provenjenti minn Maria Pulis omm il-kontendenti hemm proprjetà li ma ġietx (recte) iddikjarata fid-dikjarazzjoni "causa mortis" ta' Maria Pulis;*

(2) *Tordna li din il-proprjetà tiġi dikjarata u tiddaħħal fil-massa ereditarja;*

(3) *Tiddeċiedi u tiddikjara illi hemm flejjes mill-wirt ta' Maria Pulis li għadhom ma daħlux fil-massa ereditarja;*

(4) *Tordna li kull flejjes minn dan il-wirt għandhom jiddaħħlu fil-massa ereditarja;*

(5) *Tiddeċiedi u tiddikjara illi hemm barbazzal tad-deheb li ma kienx inġieb biex jiġi stmat mad-deheb l-ieħor;*

(6) *Tordna li dan il-barbazal għandu jinġieb u jiddaħħal fil-massa ereditarja;*

(7) *Tordna illi l-massa ereditarja kollha provenjenti mill-wirt ta' Maria Pulis tinqasam bejn l-eredi skont id-dispożiżżjonijiet tat-testment pubbliku ta' Maria Pulis datat 28 ta' Ġunju, 2010 riċevut min-Nutar Dottor Alexandra Vella li permezz tiegħu Maria Pulis istitwiet lil uliedha kollha bħala eredi universali tagħha ħlilef lil Carmelo Pulis li lilu ġie riżervat biss id-dritt għas-sehem riżervat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-attur rikonvenzjonat, minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attur **Joseph Pulis** għall-Kontrotalba tal-konvenut **Carmelo Pulis** ippreżentata fl-20 ta' Frar, 2015 fejn ġie eċċeput:

1. *Illi preliminarjament, ir-rikonvenzjoni tal-konvenut Carmelo Pulis hija nulla stante li għandha l-ġudizzju mhux integru, billi r-rikonvenzjoni hija biss fil-konfront tal-eċċipjenti;*
2. *Illi bla preġudizzju għall-premess, il-konvenut Carmelo Pulis m'għandux l-interess ġuridiku biex jipproponi t-talbiet rikonvenzjonali minnu dedotti;*
3. *Illi bla preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti m'għandux il-ħwejjeġ mill-wirt imsemmija mill-konvenut Carmelo Pulis fil-pussess tiegħu, u għalhekk it-talbiet rikonvenzjonali fil-konfront tiegħu ma jreġux;*
4. *Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet rikonvenzjonali ma jistgħux iwasslu għad-diviżjoni tal-ereditjà ta' Maria Pulis billi l-konvenut Carmelo Pulis ma talabx il-likwidazzjoni tal-istess ereditjà;*
5. *Illi bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut Carmelo Pulis huma kollha kemm huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2015 fejn il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-ewwel sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Carmen Pulis għal kull interess li jista' jkollha u għat-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo Pulis.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April, 2015 fejn il-kawza tħalliet għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari.

**Ikkunsidrat:**

**Il-kwistjonijiet bejn il-kontendenti**

L-attur qiegħed jitlob li jingħata mill-konvenuti ħutu (a) aċċess liberu għal proprjetà li ġejja mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u (b) li jingħata min ħutu sehem mill-frott u qligħ ċivili u industrijali ġenerat minn attività kummerċjali gestita minn fond li wkoll ġej mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Carmen Pulis

qegħdin jitolbu in kontrotalba li (i) jingħataw pussess u aċċess mill-attur għall-proprjetà oħra li ġejja mill-wirt tal-ġenituri tagħhom; (ii) li d-deheb li ddevolva fuq l-eredi mill-wirt tal-ġenituri tagħhom jinqasam skont id-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Salvatore u Maria konjuġi Pulis, u f'każ illi dan ma jkunx fiżikament possibbli, tordna l-bejgħ tiegħu b'dan illi r-rikavat tiegħu jinqasam skont id-dispożizzjonijiet tat-testmenti tad-defunti Salvatore u Maria konjuġi Pulis; (iii) li jiġi iddikjarat li l-attur rikonvenzjonat qiegħed itellef flus u kwindi kkawża danni lill-koeredi billi qiegħed jirrifjuta li jikri l-garaxx internament immarkat bin-numru 7 f'183, Triq il-Knisja, ix-Xgħajra u li l-eredi jiġu awtorizzati sabiex ikunu jistgħu jikru l-imsemmi garaxx u li jiġu likwidati d-danni kollha dovuti mill-attur meta ġiet xolta l-kirja tal-istess garaxx u l-attur jiġi kkundannat iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati; (iv) li jiġi dikjarat li l-attur rikonvenzjonat qiegħed itellef flus u kwindi jikkaġuna danni lill-koeredi billi qiegħed jirrifjuta li jikri tabella li tinsab mal-ħajt tal-appoġġ tal-plot magħrufa bħala l-Ħofra fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Villabate, Żabbar u li l-eredi jiġu awtorizzati jikru l-imsemmija tabella; (v) li jiġi dikjarat illi l-attur rikonvenzjont Joseph Pulis approprija ruħu minn flejjes li kienu jappartjenu lil ommu b'abbuż tal-pożizzjoni li kien ġie ammess fiha, u li jiġi ordnat illi jirrifondi l-flejjes minnu approprijati; (vi) li jiġi dikjarat li l-konvenju ma' Glenn Mercieca ma seħħx unikament minħabba reżistenza ta' Joseph Pulis, u li jiġu likwidati danni subiti mill-eredi; (vii) u li jiġi ordnat li l-flejjes f'kontijiet bankarji f'banek lokali f'isem il-mejta Maria Pulis jinqasmu bejn l-eredi fil-kwoti spettanti lilhom skont l-aħħar dispożizzjonijiet testamentarji tal-konjuġi Salvatore u Maria Pulis.

Min-naħa tiegħu il-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo sive Charles Pulis qiegħed jikkontendi: (i) illi fil-wirt provenjenti minn Maria Pulis omm il-kontendenti hemm proprjetà li ma ġietx iddikjarata fid-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Maria Pulis u li din il-proprjetà għandha tiġi dikjarata u tiddaħħal fil-

massa ereditarja; (ii) illi hemm flejjes mill-wirt ta' Maria Pulis li għadhom ma daħlux fil-massa ereditarja u li kull flejjes minn dan il-wirt għandhom jiddaħħlu fil-massa ereditarja; (iii) illi hemm barbazzal tad-deheb li ma kienx inġieb biex jiġi stmat mad-deheb l-ieħor u dan il-barbazal għandu jinġieb u jiddaħħal fil-massa ereditarja; (iv) illi l-massa ereditarja kollha provenjenti mill-wirt ta' Maria Pulis għandha tinqasam bejn l-eredi skont id-dispożiżżjonijiet tat-testment pubbliku ta' Maria Pulis datat 28 ta' Ġunju, 2010.

**<u>L-eċċezzjoni preliminari tan-nullità tar-rikonvenzjoni minħabba nuqqas ta' konnessjoni meħtieġa mill-Art. 396 tal-Kap. 12</u>**

L-attur rikonvenzjonat eċċepixxa preliminarjament in-nullità tar-rikonvenzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea, George Pulis, Anna Bianco, Louis Pulis, Raymond Pulis, Antonia Sladden u Carmen Pulis għal kull interess li jista' jkollha stante li m'hemmx il-konnessjoni meħtieġa mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12 mal-azzjoni prinċipali promossa mill-esponenti.

L-Artikolu 396 tal-Kap. 12 jgħid li:

> *"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
>
> > *(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*
> >
> > *(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*

Skont id-dispożiżżjonijiet ta' dan l-artikolu, il-kontrotalba tal-konvenut mhux biss trid tkun konnessa mat-talba tal-attur, imma din trid tkun hekk konnessa

bil-mod kif rikjest mil-liġi. Skont l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 il-kontrotalba tal-konvenut trid tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur. Barra minn hekk il-kontrotalba tal-konvenut titqies li hija konnessa wkoll mat-talba tal-attur fis-sens li trid il-liġi meta l-iskop tal-kontrotalba jkun li jpaċi l-kreditu mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn jew li jimpedixxi l-azzjoni tal-attur.

Fis-sentenza **AirMalta plc vs Lawrence Borg noe**[1] intqal li:

> *"Hawn wieħed ma jistax ma jirreferix għall-kliem 'istess kuntratt' jew 'fatt' li wieħed isib fl-imsemmi Artikolu 396. Huwa stabbilit li b''fatt' wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika."*[2]

Dik li fil-ġurisprudenza tagħna tissejjaħ "la comunanza di origine delle causi"[3], il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li minnhom tnisslet ir-rabta ġuridika bejn it-talbiet tal-attur u l-kontrotalbiet tal-konvenuti fil-kawża odjerna huwa kollha kemm huma ġejjin mill-istess fatt li l-kontendenti f'din il-kawża huma komproprjetarji fi kwoti mhux ugwali ta' diversi immobbli u mobbli provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom.

Din il-Qorti tqis għalhekk li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenuti Doris Galea et għandha tiġi miċħuda.

---

[1] PA (JRM) mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2004.

[2] Ara Digesto Italiano (Vol IX) Voce 'Fatto' pa 548-9 u l-kawża fl-ismijiet **Maria Grazia Fava vs. Salvino Farrugia** (mhix pubblikata) (App. Kumm. deċiż fis-6 ta' Frar, 1985.

[3] Neg. Luigi Spiteri Debono vs. Neg. Charles Darmanin nomine – K (A.M) 24 ta' Frar, 1930.

**<u>L-eċċezzjoni preliminari li l-ġudizzju tar-rikonvenzjoni mhuwiex integru</u>**

L-attur rikonvenzjonat eċċepixxa preliminarjament ukoll illi l-ġudizzju tar-rikonvenzjoni mhux integru peress li kwalsiasi ġudizzju li jista' jingħata dwar ir-rikonvenzjoni ma jistax jingħata fil-konfront tal-konvenut Carmelo Pulis, u għalhekk l-istess rikonvenzjoni hija nulla.

L-attur rikonvenzjonat jikkontendi li kontrotalba hija azzjoni u illi kull talba li tirrigwarda beni minn wirt trid tkun kontra l-werrieta kollha mhux kontra wħud minnhom.

Għad li l-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et hija kontra l-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis, din il-Qorti tosserva li min-naħa tiegħu l-konvenut l-ieħor Carmelo Pulis fil-kontrotalba tiegħu għat-talbiet tal-attur rikonvenzjonat, fis-sustanza jaderixxi għall-kontrotalba tal-konvenuti Doris Galea et kontra l-attur rikonvenzjonat.

Din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Dolores mart Anthony Abela et vs Vincent Gusman et**[4] fejn jintqal:

> *"... l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju ma twassalx għan-nullità tal-proċediment jekk kemm-il darba l-kawża tkun infetħet kontra persuna li kienet leġittimu kontradittur tal-attur, imma mhix l-unika waħda, u dak il-ġudizzju jkun sostenibbli u meta dik l-integrità tista' tintlaħaq billi wieħed jirrikorri għall-modi proċedurali li huma permessi mil-liġi;*
>
> *Illi, f'każ bħal dan, il-Qorti tista' biss tapplika xi wieħed mill-imsemmija modi proċedurali, imma mhux li teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, ladarba dik il-persuna tkun tħarrket sewwa;*
>
> *Illi, fuq kollox, ġie għadd ta' drabi mfisser li l-litiskonsorzju – jiġifieri l-ħtieġa li kull min għandu interess fi kwestjoni jkun jagħmel parti minn*

[4] Mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil- 25 ta' Mejju, 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014.

> *kawża dwar dik l-istess kwestjoni – ikun meħtieġ fejn l-azzjoni "tkun tendenti għall-mutament ta' rapport jew stat ġuridiku wieħed"[5]. F'każ bħal dan, il-litiskonsorzju huwa meħtieġ u n-nuqqas tal-parteċipazzjoni fil-kawża ta' wħud mill-interessati, kemm bħala atturi inkella bħala mħarrkin, jista' jiġi sostitwit bil-prova ċerta tal-adeżjoni ta' dawk l-interessati għat-talba magħmula minn xi wħud minnhom, u mhux anqas minn hekk;"*

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Carmelo Pulis permezz tal-kontrotalba tiegħu għat-talba tal-attur rikonvenzjonat, fis-sustanza aderixxa ruħu mal-kontrotalba tal-konvenuti l-oħra u għalhekk ma jistax jitqies li l-ġudizzju fir-rikonvenzjoni ta' Doris Galea et mhuwiex integru. Għaldaqstant it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea għandha tiġi miċħuda.

**<u>L-eċċezzjoni preliminari tal-inkompetenza *rationae materiae* għar-rigward tal-ħames talba rikonvenzjonanti</u>**

L-attur rikonvenzjonat qiegħed jeċċepixxi wkoll li din il-Qorti hija inkompetenti *rationae materiae* milli tieħu konjizzjoni tal-ħames talba rikonvenzjonanti, u dan a tenur tal-Artikolu 1528 tal-Kodiċi Ċivili.

Permezz tal-ħames talba tagħhom l-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et qegħdin jitolbu li din il-Qorti tawtorizza lill-eredi sabiex ikunu jistgħu jikru l-garaxx internament immarkat bin-numru 7 f'183, Triq il-Knisja, ix-Xgħajra, u dan minkejja li l-attur rikonvenzjonat qiegħed jopponi għal din il-kirja.

L-Artikolu 1525 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi b'mod ċar illi Il-Bord li Jirregola l-Kera għandu kompetenza esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar għall-

[5] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 20.1.1961 fil-kawża fl-ismijiet **Ciappara vs. Caruana** (Kollez. Vol: XLV.i.13).

abitazzjoni u ta' fond kummerċjali. Bħala parti mill-kompetenza tiegħu il-Bord tal-Kera jista', fuq talba magħmula b'rikors ta' wieħed mill-kompussessuri tal-fond urban, jagħti l-awtorizzazzjoni biex isir il-kiri tal-fond urban, meta jinsab illi l-fond ikun tajjeb biex jinkera u li l-kiri propost ikun ta' ġid, u li ma jinsabx li xi wieħed mill-kompussessuri l-oħra jkollu raġuni tajba biex jopponi dak il-kiri.

Għal din ir-raġuni it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea għandha tiġi milqugħha.

**L-eċċezzjoni preliminari li diviżjoni parzjali mhijiex konsentita**

L-attur rikonvenzjonat eċċepixxa wkoll preliminarjament l-inammissibbiltà tat-tielet u tat-tlettax-il talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, stante li dawn jimmiraw għal divizjoni parzjali li mhijiex konsentita.

L-attur rikonvenzjonat saħaq li teżisti ġurisprudenza kopjuża tal-Qrati tagħna li ssostni li diviżjoni parzjali ta' wirt ma tistax tiġi ammessa jekk mhux bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha.

Jirriżulta mill-atti tal-kawża li diġà saret id-diviżjoni ta' parti l-kbira mill-beni immobbli provenjenti mill-wirt ta' Salvatore Pulis missier il-kontendenti. Min-naħa tagħha Maria Pulis omm il-kontendenti meta kienet għadha ħajja, kienet qassmet lil uliedha b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli sehemha minn parti kbira minn din l-istess proprjetà. Mill-atti tal-kawża jidher li għadha ma saritx id-diviżjoni ta' beni immobbli partikolari provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti, u ta' deheb u ta' flejjes f'kontijiet bankarji provenjenti mill-wirt ta' Salvatore u Maria konjuġi Pulis. Il-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et fil-kontrotalba tagħhom talbu li ssir il-qasma tad-deheb provenjenti mill-wirt

taż-żewġ ġenituri tagħhom u ta' flejjes provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom u li kienu f'kontijiet bankarji f'isem ommhom Maria Pulis.

Min-naħa tiegħu l-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo Pulis fil-kontrotalba tiegħu talab li jiġi awtorizzat li ssir il-qasma tal-massa ereditarja kollha provenjenti mill-wirt ta' Maria Pulis skont l-aħħar dispożiżżjonijiet testamentarji tagħha.

Għad illi mill-atti jirriżulta illi bejn il-kontendenti saret diviżjoni parzjali ta' assi ereditarji konsistenti f'beni immobbli provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, bir-raba' eċċezzjoni preliminari tiegħu għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et, l-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis qiegħed jopponi għat-talba għal diviżjoni parzjali mressqa mill-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et. Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna huwa prinċipju stabbit illi:

> "*Meta tiġi eżerċitata l-azzjoni għall-qasma ta' assi ereditarju għandu jinġieb għall-qasma dak kollu li jidħol f'dak l-assi, b'mod illi m'għandu jibqa' xejn indiviż minn dak li jidħol f'dak l-assi. Għalhekk, fil-likwidazzjoni preordinata għall-qasma għandhom jiġu miġjuba l-beni kollha formanti parti mill-assi; għax diviżjonijiet parzjali ma humiex permessi jekk ma jkunx hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha li jħallu in komun xi ħaġa li għandha tkun espressament u partikolarment indikata. Għaldaqstant jekk l-assi ereditarju li tiegħu tintalab il-qasma jkollu sehem minn assi oħra li għad ma ġewx likwidati, dak l-assi ma jistax jigi likwidat u maqsum qabel ma ssir il-likwidazzjoni ta' dawk l-assi l-oħra biex jiġi stabbilit is-sehem li minn dawk l-assi l-oħra jmiss is-sehem li tiegħu tintalab il-qasma*" (**Assunta Chircop vs Pawlu Calleja et** [6]).

[6] Appell Ċivili deċiż fit-12 ta' Novembru 1951, Vol XXXV A, P1. Ara wkoll f'dan is-sens **Giorgio Pulo vs. Francesco Pulo (**PA (WH) tal-1 ta' Frar, 1936, XXIX.ii.940; **Giuseppe Baldacchino vs. Rosina Baldacchino,** Vol. XXXV/ii/458**; Joseph Borg vs. Emanuela Vella et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu, 1995; **John Mallia vs. Alfred Cassar et** - (PA (GV) 3 ta' Ottubru, 1996; **Inez Attard vs. Edwin Attard** et (PA (RCP) 9 ta' Jannar, 2001); Appell Civili 722/2001PS fl-ismijiet **Tereza mart Joseph Farrugia et vs. Giuseppe Camileri** deċiż fl-10 ta' Marzu, 2004.

Mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li hemm beni oħra provenjenti mill-wirt tal-konjuġi Pulis, apparti dawk indikati fit-tielet u t-tlettax-il eċċezzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et, li minn kif jidher baqgħet ma ntalbitx il-qasma tagħhom, fost l-oħrajn il-fond 185 bl-isem Salvatore Mundi fi Triq Bajada, Ħaż-Żabbar, il-qbiela fuq l-art ta' Xorxa, sive ta' Ciantar, fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar, u l-garaxx bin-numru 7 f'183, Triq il-Knisja, ix-Xgħajra.

Barra minn hekk l-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis ma tax il-kunsens tiegħu għad-diviżjoni parzjali kif mitluba mill-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et, tant hu hekk avvanza l-eċċezzjoni preliminari in eżami.[7]

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħha peress li l-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et talbu diviżjoni parzjali ta' assi provenjenti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti f'kuntest fejn għad hemm assi ereditarji ġejjin mill-istess wirt li baqgħet ma ntalbitx il-qasma tagħhom.

**<u>L-eċċezzjoni preliminari li l-għaxar talba rikonvenzjonali tal-konvenuti Doris Galea et hi irritwali għax ma kinitx preċeduta b'talba biex l-attur jipprovdi rendikont tal-mandat tiegħu</u>**

B'din l-eċċezzjoni l-attur rikonvenzjonat eċċepixxa l-irritwalità tal-għaxar talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et stante li ma kinitx preċeduta b'talba biex l-attur rikonvenzjonat jipprovdi rendikont tal-mandat tiegħu, liema talba hija indispensabbli f'azzjoni istitwita kontra mandatarju.

[7] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Josephine Catania pro et noe vs Louis Spiteri** (PA (CFS) 1 ta' Frar, 2005).

Fl-għaxar talba tagħhom il-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et talbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi Joseph Pulis fiż-żmien li kellu l-prokura bankarja ta' ommu, approprija ruħu minn flejjes li kienu jappartjenu lil ommu u dan b'abbuż tal-pożizzjoni tiegħu li kien ġie ammess fiha u dan b'detriment tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et li talbu wkoll li l-attur rikonvenzjonat jiġi ordnat jirrifondi l-flejjes minnu approprijati.

Minkejja li l-għaxar talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et ma ġietx preċeduta b'talba biex l-attur rikonvenzjonat jipprovdi rendikont tal-mandat tiegħu, din il-Qorti tqis illi t-talba għal rendikont mill-mandatarju hija impliċita fit-talba biex l-attur rikonvenzjonat jiġi ordnat irodd lura l-flejjes li allegatament ġew misapproprijati minnu.

F'kawża deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta[8] fejn kienet ingħatat eċċezzjoni simili peress li talba għal żgumbrament ma kinitx preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni li l-konvenuti kienu qegħdin jokkupaw illegalment, ġie kkonstatat is-segwenti:

> *"Il-Qorti ssibha diffiċli biex takkolji dawn l-eċċezzjonijiet li jinneċessitaw interpretazzjoni riġida u formalistika li hija sfidata mill-iskorta ta' ġurisprudenza akkolta mill-Qrati tagħna tul dawn l-aħħar deċcenni li tinklina lejn interpretazzjoni wiesgħa u flessibbli purke d-difiża ma tkunx preġudikata.*
>
> *Jekk wieħed iħares lejn il-prinċipji ribaditi mill-Qrati tagħna fil-kuntest tal-validità taċ-ċitazzjoni pereżempju, insibu li l-ħsieb ispiratur traċċjat f'bosta hu li jiġi evitat kemm jista' jkun il-multiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoraġġixxi l-formaliżmu riġidu li "si attaccava con troppa severità e poco riguardo agli interessi dei contendenti e*

[8] **Michael Debono et vs. Alfred Grech** et deċiża fis-27 ta' Frar, 2014, PA(LSC)

*dell'ammistrazione della giustizia in generale" (Kollez Vol XXVI pI p424).*

*Hekk ukoll, fis-sentenza* **Moore noe vs Falzon et**[9] *kien deċiż li –*

*"Il-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni, biżżejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda" (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*

*Fil-kawza* **Vella vs. Cefai**[10] *il-Qorti tal-Appell sostniet li meta f'ċitazzjoni teżisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-Art. 156(1)(a) għax ma jkunx fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-prattiċità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*

*Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qiegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh.*[11] *Konsegwentement l-atti għandhom jiġu salvati anziché annullati jew dikjarati nulli.*[12]

[9] PA/AM – 15 ta' Diċembru 1995.

[10] Appell Ċivili – 4 ta' Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467.

[11] Ara f'dan is-sens **Fino vs Fabri noe** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997.

[12] **Ellul vs. Coleiro** – (QA deċiża fl-24 ta' Jannar 1994). Ara wkoll **Guillaumier Industries Ltd vs. Fava et** (PA/RCP – 28 ta' Ottubru 1998), **Attard noe vs. Galea** (QA deċiża 12 ta' Mejju 1998) u **Aquilina vs. Cassar** (Vol.LXXVI.IV.666).

*Inoltre l-Art. 789 tal-Kap. 12 jelenka tassattivament il-każi li fihom l-eċċezzjoni tan-nullità ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata*[13] *u fejn in-nuqqas ma jaqax fost dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qrati dejjem sostnew il-validità tal-att in kwistjoni.*

*Issa fil-każ in eżami, kif ġie rilevat, l-eċċezzjoni mhix waħda ta' nullità, iżda pjuttost ta' irritwalità. Madankollu il-Qorti hi tal-fehma li l-miri ta' espedjenza, ġustizzja u flessibbiltà li ġew abbraċċjati mill-Qrati tagħna fl-apprezzament tal-validità ta' atti ġudizzjarji, għandhom multo magis, jiggwidaw din il-Qorti fil-ġudizzju tagħha dwar l-eċċezzjonijiet odjerni.*

*Il-Qrati tagħna ma qagħdux lura milli jagħtu tifsira wiesgħa għall-kawżali u għat-talbiet magħmula f'att ġudizzjarju bl-applikazzjoni tal-kriterju ta' ekwipollenza. Minn qari tar-Rikors Ġuramentat jirriżulta lil din il-Qorti li t-talbiet attriċi impliċitament jikkomprendu t-talba għad-dikjarazzjonijiet imsemmija minkejja li dawn ma ġewx espressament imfissra f'talbiet ad hoc."*[14]

Din il-Qorti trid timxi fuq il-prassi segwita mill-Qrati tagħna li għandu jiġi evitat kemm jista' jkun il-formaliżmu żejjed fis-sens li l-eċċezzjoni tal-irritwalità ta' att ġudizzjarju għandha tiġi milqugħa biss safejn dik il-vjolazzjoni tkun ikkawżat lill-parti li titlob l-irritwalità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.

F'dan l-ambitu din il-Qorti tqis li t-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et biex l-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis jiġi ordnat jirrifondi l-flejjes allegatament approprijati minnu li kienu jappartjenu lil ommu b'abbuż tal-pożizzjoni tiegħu bħala prokuratur tagħha u b'detriment tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et, tinkludi fiha impliċitament talba biex l-attur

---

[13] Ara **K.B. Real Estate Limited vs. Silvio Felice Limited** (PA/JRM deċiża fit-13 ta' Marzu 2003).

[14] Ara ad ez. fuq il-kriterji applikabbli ta' ekwipollenza:- **Carmelo Cassar vs. Alfonso Maria Pace** (QA deċiża fl-14 ta' Diċembru 1962); **Angelo Cutajar et. vs. Alfred Spiteri et.** – (QA deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2011).

rikonvenzjonat jagħti rendikont tal-atti tiegħu bħala mandatarju u li jinżamm kontabbli ta' għemilu.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tqis li din il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-għaxar kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et għandha tiġi miċħuda.

**<u>L-eċċezzjoni preliminari dwar l-irritwalità tat-tielet u t-tlettax-il talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et</u>**

L-attur rikonvenzjonat jeċċepixxi wkoll li l-irritwalità tat-tielet u t-tlettax-il talba tal-konvenuti rikonvenzjonati Doris Galea et, stante li mhumiex preċeduti bit-talbiet neċessarji sabiex jiġi qabelxejn stabbilit il-konsistenza u l-valur tal-oġġetti li dwarhom qed jintalab il-qsim, u lanqas mhuma preċeduti bit-talbiet neċessarji sabiex jiġu stabbiliti l-kwoti rispettivi tal-kontendenti skont il-massa ereditarja rispettiva taż-żewġ testaturi.

Ġaladarba ħa tiġi milqugħha r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis fir-rigward tat-tielet u tat-tlettax-il talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et, m'hemmx ħtieġa ta' pronunzjament dwar s-sitt eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontratalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et.

**<u>L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo sive Charles Pulis</u>**

Din il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo sive Charles Pulis.

Fil-kontrotalba tiegħu l-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo sive Charles Pulis qiegħed jitlob li din il-Qorti (1) tiddeċiedi u tiddikjara illi fil-wirt provenjenti minn Maria Pulis omm il-kontendenti hemm proprjetà li ma ġietx iddikjarata fid-dikjarazzjoni "causa mortis" ta' Maria Pulis; (2) tordna li din il-proprjetà tiġi dikjarata u tiddaħħal fil-massa ereditarja; (3) tiddeċiedi u tiddikjara illi hemm flejjes mill-wirt ta' Maria Pulis li għadhom ma daħlux fil-massa ereditarja; (4) tordna li kull flejjes minn dan il-wirt għandhom jiddaħħlu fil-massa ereditarja; (5) tiddeċiedi u tiddikjara illi hemm barbazzal tad-deheb li ma kienx inġieb biex jiġi stmat mad-deheb l-ieħor; (6) tordna li dan il-barbazal għandu jinġieb u jiddaħħal fil-massa ereditarja; (7) tordna illi l-massa ereditarja kollha provenjenti mill-wirt ta' Maria Pulis tinqasam bejn l-eredi skont id-dispożiżżjonijiet tat-testment pubbliku ta' Maria Pulis datat 28 ta' Ġunju, 2010 riċevut min-Nutar Dottor Alexandra Vella li permezz tiegħu Maria Pulis istitwiet lil uliedha kollha bħala eredi universali tagħha ħlief lil Carmelo Pulis li lilu ġie riżervat biss id-dritt għas-sehem riżervat.

Min-naħa tiegħu l-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis wieġeb għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo sive Charles Pulis billi eċċepixxa preliminarjament illi ir-rikonvenzjoni tal-konvenut Carmelo sive Charles Pulis hija nulla stante li għandha l-ġudizzju mhux integru, billi r-rikonvenzjoni hija biss fil-konfront tal-eċċipjenti u li l-konvenut Carmelo Pulis m'għandux l-interess ġuridiku biex jipproponi t-talbiet rikonvenzjonali minnu dedotti.

Tqis illi l-wirt ta' Maria Pulis, li mietet fis-6 ta' Jannar, 2012, hu regolat bit-testment datat 28 ta' Ġunju, 2010 fl-Atti tan-Nutar Alexandra Vella u għalhekk

japplika għalih l-Artikolu 615 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XVIII.58 tal-2004 u l-Att XV.23 tal-2012.

L-Artikolu 615 tal-Kap. 16 jgħid *inter alia* li:

> *(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet.*

Billi fis-sistema legali tagħna l-leġittima mhijiex kwota ta' ereditā, il-leġittimarju, kif ġie kemm-il darba deċiż mill-qrati tagħna mhuwiex eredi u ma jikkontinwax il-pussess tal-beni tal-mejjet.[15] Wara l-emendi li saru għall-Kodiċi Ċivili fl-2004 u fl-2012, il-jedd tal-leġittimarju ma baqax aktar porzjoni tal-beni tal-mejjet mogħtija mil-liġi lid-dixxendenti u, fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet, imma bil-liġi tal-lum dan id-dritt jitqies li huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet.[16]

Ladarba il-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo Pulis mhuwiex wieħed mill-eredi ta' Maria Pulis, huwa m'għandux l-interess ġuridiku biex jipproponi kontrotalbiet fejn qiegħed jitlob li wara tiġi stabbilita l-massa ereditarja kollha ta' Maria Pulis, issir il-qasma tal-istess wirt skont l-aħħar dispożizzjonijiet testamentarji ta' Maria Pulis bejnu u l-eredi kollha meta lilu ġie riservat biss id-dritt għas-sehem riservat.

Di più bħala kreditur tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejta, sabiex il-ġudizzju tal-kontrotalba jkun integru, il-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo

[15] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fl-10 ta' Diċembru, 1973 fl-ismijiet **Vella vs. Bugeja.**

[16] Ara l-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16.

Pulis kellu javvanza dan id-dritt ta' kreditu tiegħu fil-konfront tal-eredi kollha u mhux kontra wieħed biss mill-eredi.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti għandha tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo Pulis.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et;**
2. **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et;**
3. **Tilqa' it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et;**
4. **Tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et;**
5. **Tiċħad il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et;**
6. **B'riferenza għas-sitt eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris**

**Galea et, tiddikjara li m'hemmx ħtieġa ta' pronunzjament ġaladarba r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Doris Galea et ġiet milqugħha;**

7. **Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-attur rikonvenzjonat Joseph Pulis għall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonanti Carmelo Pulis.**

**Tirriżerva li tipprovdi dwar l-ispejjeż ta' din il-proċedura fil-ġudizzju finali.**

Moqrija

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------